**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Vella**

Numru: 46/2012

Illum 19 ta' Novembru 2015

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **John Vella,** ta' 43-il sena, iben Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex, nhar it-22 ta' Jannar 1968, u joqghod No. 106, Triq San Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 3468G, akkuzat talli f'xi zmien matul is-sena 2007 u fis-snin ta' qabel gewwa "Triq ta' Sannat, limiti ta' bejn ix-Xewkija u Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:

1. Ikkommetta serq ta' arblu tad-dawl liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur liema valur ma jammontax ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment tal-Enemalta u/jew kumpaniji u/jew persuni ohra.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-fomm u bil-kitba tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**<u>L-aggravju tal-valur u lok</u>**

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok. Issa qabel ma l-Qorti sejra tiddiskuti l-elementi ta' dan ir-reat sejra tiddeskrivi l-aggravji tar-reat u dan ghaliex minnufih jirrizulta n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Dwar l-aggravju tal-lok il-Qorti taghmel referenza ghall-Arikolu 269 tal-Kap 9 li jiddisponi s-segwenti:-

*"Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir –*

*(a) f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla; (b) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal-qorti; (ċ) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat; (d) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta' rahan li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku; (e) fuq bastiment jew biċċa oħra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiġġati; (f) fil-ħabs jew f'lok ieħor ta' kustodja jew ta' piena; (g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha."*

Issa jidher mis-suespost li semmai s-serq sar minn go Sannat. L-unika sub-inciz li potenzjalment jista' japplika huwa s-sub inciz 'c' pero' l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tindika li l-post minn fejn allegatament gie misruq l-arblu kien xi triq fil-kampanja jew il-barra mill-abitat. Is-sub-incizi l-ohra zgur ma japplikawx ghal kaz in ezami u ghalhekk dan l-agravju zgur li ma jirrizultax.

Dwar l-aggravju l-iehor u cioe' dak tal-valur il-Qorti hawnhekk ukoll taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-Valur,"meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni strahet fuq l-istima dwar il-valur tal-arblu, stima li prezentaw il-kwerelanti (Dok FT1) fejn hu stmat li l-arblu jiswa erba' mija u sebgha u tletin ewro (€437) (*a. Fol. 35 email li ntbaghtet lill-ufficjal*

*prosekutur minghajr ircevuta ta' hlas ghal arblu simili*) u anqas ma gie nominat xi espert fil-mori tal-kawza sabiex jigi stabilit il-valur tieghu u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax.

Illi jrid jinghad li l-arblu kien ritornat lura lill-Enemalta (*a fol.* 63).

**<u>Elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reat tas-serq</u>**

Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reat moghti lill-imputat jirrizultawx jew le.

Dwar l-uniku reat akkuzat bih l-imputat u cioe' dak ta' serq aggravat jinghad li jekk wiehed janalizza l-Kodici Kriminali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista' *prima facie* tidher facli, madankollu r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u dibattuti hajjin fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-*Programma Speciale vol IV* para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-

Il-Carrara jghid:

*"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l- elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. il-contrectatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,
3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr il-kunsens tas-sid, u
5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser

isir akkwist - *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale,* kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza Il-**Pulizija v S. Pisani** - deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-*buona fede* tal-awtur tal-*contrectatio* teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

Carrara jghid:

*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Elenkati dawn il-kriterji jista wiehed jghaddi biex jezamina l-kaz tal-imputat fid-dawl tas-suespost.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien fil-pussess ta' arblu tad-dawl li skond ix-xhud l-inginier Josephine Vella kien jappartjeni lil Enemalta. F'dan il-kaz ma hemm l-ebda xhud okulari li ra lill-imputat jisraq l-arblu tad-dawl ghaliex fil-fatt huwa kien qed jaghmel uzu minn dan l-arblu fil-fond tieghu. Kien waqt spezzjoni mill-ufficjali tal-Enemalta fil-fond tal-imputat li gharfu li dak kien arblu propjeta' taghhom li naqas minn Triq is-Sannat limiti ta' bejn ix-Xewkija u s-Sannat, Ghawdex lura fl-elfejn u sebgha (2007). Meta naqas madwar erba' snin qabel ma kien sar l-ebda rapport dwar serq, kien wara dan iz-zmien kollu li sar rapport lill-pulizija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011). L-imputat spjega lill-pulizija li l-arblu kien maqlugh u thalla fi propjeta' tieghu xi snin qabel u hadu fejn imbaghad poggieh fejn sabuh impjegati tal-Enemalta. Huwa jsostni li kien saqsa lill-impjegat tal-Enemalta John Mompalao jekk setghax jiehdu u dan qallu li seta'. Mompalao cahad li kien tah permess biex jiehdu.

Jinghad li lanqas il-kwerelanti stess ma qalu li raw lill-imputat jisraq l-arblu, qalu biss li raw li kien fil-pussess tieghu waqt l-ispezzjoni. Illi fil-fatt anke jirrizulta li d-data meta dan l-arblu ittiehded ma gietx pruvata ghaliex il-kwerelanti ma ghamlu l-ebda rapport tas-serq ta' dan l-arblu qabel ma l-inginier Josephine Vella rat dan l-arblu ghand l-imputat.

## Versjonijiet differenti

Il-Qorti setghet tinnota l-versjonijiet differenti li taw l-imputat u x-xhud John Mompalao.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*
>
> *Fil-kawza* **Pulizija vs. Joseph Thorn** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'.*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

## Nuqqas ta' provi

Il-kompitu ta' din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta' dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 261 (c) u (e), 267, 269, 279(a) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma issibx lill-imputat John Vella hati tal-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni u tilliberah minnha.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**